MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2005

Avviz Numru. 306/2005

**Avviz numru 306/05DM**

**Frank Borda Limited C446**

**Vs**

**Anne Zahra ID 167170 (M) u Joseph Zahra ID 621159 (M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema s-socjeta’ attrici talbet il-kundanna tal- konvenuti *in solidum* bejniethom, ghall-hlas tas-somma ta’ tlett elef u dsatax-il lira Maltin (Lm3,019) rapprezentanti bilanc ta’ prezz ta’ bejgh ta’ karozza ‘Skoda Felicia Combi LX’ lilhom mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta’ attrici u fuq liema karozza ghad fadal il-bilanc fuq imsemmi (kopja ‘statement’ Dok ‘A’) anness ma’ l-Avviz.

Bl-ispejjez u bl-interessi mid-data tal-prezentata ta’ l-Avviz kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat illi l-konvenuti debitament notifikati ma deherux biex jikkontestaw it-talba attrici, u lanqas ma deheru fis-seduta tal-lum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni;

Ghaldaqstant wara li l-Qorti rat ukoll id-dokument esebit issib illi t-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Ghaldaqstant il-Qorti qeghda tilqa’ it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti *in solidum* bejniethom sabiex ihallsu lill-kumpanija attrici s-somma mitluba ta’ tlett elef u dsatax-il lira Maltin (Lm3,019) ghar-ragunijiet indikati fl-Avviz, bl-imghaxijiet legali b’effett mil-24 ta’ Mejju, 2005.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti *in solidum* bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------